MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 20/2010/1

**Carmen mart Carmel Zammit, Mary *sive* Miriam mart Albert Galea, Joseph Cassar, Grace mart Michael Borg,
Emanuel *sive* Lino Cassar u Annemarie Despott.**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet u Avukat Generali u b'digriet tat-22 ta' April 2010 gew kjamati fil-kawza Carmelo Buttigieg
u Maria Dolores Buttigieg.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**[1]** Dan huwa appell maghmul mill-intimat Kummissarju tal-Artijiet [l-appellant] minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, fis-26 ta' Gunju 2012, li biha dik il-Qorti ddisponiet mit-talbiet tar-rikorrenti [l-appellati] billi, wara li lliberat lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju: [1] annullat id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur tas-7 ta' Mejju 1965, u d-Dikjarazzjoni tal-President tas-6 ta' Ottubru 2010 u kull att iehor li sar mill-appellant u fil-mori tal-proceduri, li jeffetwa l-proprjeta` meritu tal-kawza; [2] ordnat ir-rilaxx tal-istess proprjeta` bil-pussess vakanti lir-rikorrenti, da parti kemm tal-appellant kif ukoll tal-kjamati fil-kawza Buttigieg; u [3] ikkundannat lill-appellant ihallas lill-appellati s-somma ta' €40,000 bhala kumpens xieraq u adegwat sabiex jaghmel tajjeb ghal-lezjoni sofferta mill-appellati, komprizi danni morali u kumpens ghad-danni ta' okkupazzjoni sa dak in-nhar tar-rilaxx effettiv; l-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-appellant, hlief dawk tal-kjamati fil-kawza li ghandhom jigu sopportati mill-istess.

**[2]** Fir-rikors promotur, l-appellati talbu li, previa li jigi dikjarat li gew mittiefsa d-drittijiet kostituzzjonali tal-appellati, fit-termini tal-Artikoli 1 tal-Ewwel Protokoll, l-Artikolu 6, u l-Artikoli 17 u 18 tal-Kap. 319, u l-Artikolu 37 u 46 tal-Kostituzzjoni, [i] tithassar l-imsemmija Dikjarazzjoni tal-Gvernatur in kwantu tolqot il-proprjeta` tal-appellati; [2] jigi ordnat ir-rilaxx tal-istess proprjeta` bil-pussess vakanti, favur taghhom; [3] tinghata kull ordni u rimedju provvizorju *pendente lite* u anke kull ordni u/jew rimedju xieraq u opportun sabiex jigu kawtelati d-drittijiet fondamentali taghhom; [4] l-intimati jigu kkundannati jhallsu kumpens xieraq u adegwat sabiex jaghmlu tajjeb ghal-lezjoni sofferta mill-appellati, komprizi danni morali u danni ta' okkupazzjoni sa dak in-nhar tar-rilaxx effettiv.

**[3]** Fl-appell tieghu, l-appellant talab ir-riforma tas-sentenza appellata billi din il-Qorti [i] thassarha fil-parti fejn sabet li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellati u fejn ordnat it-thassir u l-annullament tad-Dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur u tal-President, fis-snin 1965 u 2010, rispettivament, u b'konsegwenza ordnat lill-

appellant u lill-kjamati fil-kawza sabiex jizgumbraw mill-fond in kwistjoni, u minflok tichad it-talbiet kollha tal-appellati; [ii] thassarha in kwantu ghall-kap tal-ispejjez, u minflok tordna li dawn jigu sopporati mill-appellati; u [iii] tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju.

**[4]** Fir-risposta taghhom l-appellati, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu li l-appell jigi respint.

**Il-Fatti**

**[5]** Illi, ghalkemm il-fatti huma sufficjentement esposti fis-sentenza appellata, huwa opportun li jigu senjalati s-segwenti fatti relevanti ghall-appell odjern.

**[6]** Dan l-appell jikkoncerna bicca art f'Haz-Zabbar li l-appellati kienu jiddittjenu b'titolu ta' sub-emfitewsi temporanju li jiskadi fit-3 ta' Mejju 2047. Fuq din il-bicca art kien hemm hanut bin-numru 59 li jaghti fuq Triq is-Santwarju, mikri mill-awturi fid-dritt tal-appellati.

**[7]** Fis-7 ta' Mejju 1965, din l-art, flimkien ma estensjoni ta' art ohra li mhijiex mertu tal-kawza odjerna, giet esproprijata permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur, u fl-14 ta' Mejju hareg l-Avviz numru 290 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

**[8]** Illi inizjalment dan l-esproprju kellu bhala skop tieghu l-bini tac-Centru Civiku tal-lokal u toroq ancillari, izda fis-sena 1972, rizultat ta' tibdil fil-Pjan Regolatur, sar spostament tat-triq progettata, u minflok, gie deciz li fuq il-bicca art de quo u l-art adjacenti jinbena hanut a spejjez tal-Gvern.

**[9]** Illi f'nofs is-sena 1988, parti mill-imsemmija art giet rilaxxjata favur l-appellati, filwaqt li l-Gvern zamm dik il-parti li tifforma parti mill-footprint li fuqha nbena l-hanut mill-Gvern, wara li kien gie demolit il-hanut numru 59. Il-hanut ezistenti huwa akbar minn dak li kien hemm qabel, u ghandu n-numru 77 bl-isem Kopside Cafe` u jservi bhala snack bar.

**[10]** Dan il-hanut inkera mill-Gvern lill-inkwilini precedenti, u fit-13 ta' April 2010 l-Gvern gedded il-kera ghal ghaxar snin ohra b'effett mill-31 ta' Jannar 2010 versu l-kera annwali ta' LM900 [illum €2,096.44]

**[11]** Fil-frattemp, ghalkemm l-espropriju tal-art de quo sar fis-sena 1965 l-appellant ma ha ebda passi sabiex jigu kumpensati l-appellati, u kien biss, fil-mori ta' dawn il-proceduri, fis-6 ta' Ottubru 2010 li hareg Avviz iehor fit-termini tal-Artikolu 9 [1] tal-Kap.88 li permezz tieghu l-appellati gew informati li l-art espropprijata kienet qed tigi stamta fl-ammont ta' €13,000 skont il-valur tal-proprjeta` fl-1 ta' Jannar 2005. Inoltre, dwar il-bicca art li giet ritornata lura fis-sena 1988, l-appellati ma rcevew ebda kumpens.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

**[12]** Illi l-ewwel Qorti, wasslet ghad-decizjoni taghha, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

……………………… omissis ………………………

"Illi ghalhekk Mattew Cassar u Maria Cassar kienu fiz-zmien id-dikjarazzjoni tal-Gvernatur il-proprjetarji tas-sub enfitewsi temporanju tal-art in kwisjtoni in kwistjoni. Mattew Cassar miet fis-17 ta' Frar 2000 u l-wirt tieghu gie regolat b'testment *unica carta* fl-atti tan-Nutar Dr Carmelo Lia tal-21 ta' Marzu 1991 (fol 39 et seq). L-eredi huma uliedu flimkien ma Annemarie Despott, it-tifla tal-mejta Rita Despott oht 'l ulied ta' Mattew Cassar. Maria Cassar mietet fil-15 ta' Ottubru 2002 u ghalhekk l-eredi tal-art in kwistjoni huma r-rikorrenti.

"Illi ghalhekk jirrizulta ppruvat li r-rikorrenti huma l-aventi kawza tal-proprjetarji tas-sub enfitewsi temporanju tal-art in kwistjoni ta' art f'Haz Zabbar li kienet tikkomprendi wkoll il- hanut numru 59, Triq s-Santwarju, Haz Zabbar, u allura l-immobbli mertu ta' din il-kawza.

"Illi skont Peter Mamo, *Operations Manager (Acquisitions Technical)* fid-Dipartiment tat-tmexxija tal-Proprjeta` tal-Gvern li xehed permezz ta' affidavit (a fol 64) l-art (inkluz l-hanut numru 59, Triq s-Santwarju, Haz Zabbar) giet

esproprjata fis-sena 1965 sabiex jinbena c-Centru Civiku tal-Lokal u toroq ancillari. Izda, l-istess xhud jghid li fis-sena 1972, id-Dipartiment tax-Xoghlijiet informa lid-Dipartiment tal-Artijiet li kien hemm tibdil fil-Pjan Regolatur fis-sens li t-triq (li kienet se tghaddi minn fejn kien sitwat il-hanut originali) giet spostata. Ghalhekk fejn kien sitwat il-hanut (li kien mikri lil certu Mifsud), flimkien ma bicca art ohra residwa minn art akbar kellu jinbena hanut iehor a spejjez tal-Gvern.

"Illi skont l-istess xhud (vide xhieda tieghu in kontro-ezami a fol 121 et seq) il-hanut in kwistjoni m'huwiex mibni biss fuq parti mill-*plot* immarkat numru 4 (Dok. "PM 4" - fol 75) li huwa l-art esproprjata fis-sena 1965 izda wkoll fuq parti tal-*plot* immarkata bhala numru '2' fl-istess dokument (*plot* 2 hija art ohra li ma kinetx tar-rikorrenti).

"Illi l-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-pjanta mmarkata bhala Dok. "PM 1A" a fol 139 tal-process fejn jidher minn din il-pjanta li l-*plot* li kien gie innumerata bhala 4 fuq il-pjanta PM4 kienet art kollha esproprjata mir-rikorrenti. Issa, parti minn din l-art giet irrilaxxata lura lir-rikorrenti, il-parti l-ohra giet kollha okkupata mill-hanut il-gdid mikri lill-kjamati in kawza, Carmelo Buttigieg u Maria Dolores Buttigieg. Dan il-hanut pero` huwa ikbar minn hekk, cioe` ikopri parti mill-*plot* 2 (Dok. "PM4") liema *plot* mhuwiex tar-rikorrenti. Minn dan gie stabbilit, mill-pjanta PM A1 kif ukoll mix-xhieda ta' Peter Mamo, li l-*area* ikkontestata f'din il-kawza hija dik li kienet esproprjata orginarjament (flimkien ma' art ohra) u issa kollha kemm hi hija okkupata minn hanut mikri lil kjamati in kawza (ghalkemm huwa minnu l-hanut l-gdid jokkupa art ikbar mill-art mertu ta' din il-kawza)

"Illi x-xhud Peter Mamo jghid li l-hanut il-gdid kellu *'iservi l-interess pubbliku mal-amenitajiet tal-pjazza u c-Centru Civiku fejn hemm il-venda tal-karozzi tal-linja u ufficini governattivi uzati mill-pubbliku f'Haz Zabbar.'*

"Illi ghalhekk l-affermazzjoni tar-rikorrenti li gie ddemolit il-hanut numru 59 fi Triq s-Santwarju u fuqu rega' nbena hanut, ossia 'bar' iehor huwa korrett fis-sens li l-hanut il-

gdid ikopri l-art li kien kollu tar-rikorrenti in aggunta ma' art ohra ta' terzi. Fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2010 ir-rikorrenti ddikjaraw li l-hanut issa jismu 'Kopside Cafe'. *In oltre*, f'affidavit tar-rikorrenti Carmen Zammit, gie ipprecizat li l-Café in kwistjoni issa jgib in-numru 77, fi Triq is-Santwarju, Haz Zabbar (a fol 26). Jinghad ukoll li partijiet ohra esproprjati izda mhux utilizzati, eventwalment gew rrilaxxjati lir-rikorrenti kif jidher min dikjarazzjoni tal-Agent President ta' Malta datata l-1 ta' Lulju 1988 (fol. 56).

"Illi l-hanut, rikostruwit, gie mikri lil terzi bhala *snack bar*. Il-kerrejja ta' dan il-fond gdid, u cioe`, Carmelo Buttigieg u Maria Dolores Buttigieg, gew kjamati in kawza.

"Illi jirrizulta wkoll li fit-13 ta' April 2010, wara li infethet din il-kawza, l-Kummissarju tal-Artijiet iggedded il-kera l-fond in kwistjoni lil kjamati in kawza u dan ghall-perjodu ta' ghaxar snin b'effett mill-31 ta' Jannar 2010 versu l-kera ta' Lm900 (€2,096.44) fis-sena; dan il-fond, kif gja` inghad inkera biex jintuza bhala *snack bar*.

"Illi fis-6 ta' Ottubru 2010 l-Kummissarju tal-Artijiet hareg Avviz iehor fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 9 (1) tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta'** Malta fejn il-President ta' Malta filwaqt li ghamel referenza ghal imsemmija Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali publikata fit-13 ta' Mejju 1965 u wara li rega' ddeskriva l-proprjeta`, iddikjara ghall-finijiet tal-**Att I tal-2006** li l-kumpens offrut ghall-bicca art hemm indikata huwa ta' €13,000 skont stima maghmula mill-Perit Arkitett John Schembri datata l-1 ta' Jannar 2005.

"Illi, tajjeb li jinghad, li ma tezisti l-ebda prova in atti li l-Istat qatt ikkomunika b'xi mod lill-proprjetarji li gew esproprjati tal-art *de quo* u dana sabiex jaghtuhom kumpens ghall-art mehuda fis-sena 1965. Li gara huwa li gew rilaxxati bicciet art li ma kellux iktar bzonnhom il-Gvern u fil-mori ta' din il-kawza permezz ta' dikjarazzjoni datat 6 ta' Ottubru 2010 l-Kummissjarju tal-Art offra kumpens, ghal din art in kwistjoni ta' €13,000 kif stmata.

"Illi fil-fehma tal-Qorti l-allegazzjoni li l-Kummissarju qatt ma agixxa sabiex jipprovdi kumpens ghaliex ir-rikorrenti jew l-*avendi causa* taghhom qatt ma nfurmaw lid-Dipartiment minn huma s-sidien tal-art u qatt ma interpellaw lid-Dipartiment ghall-hlas jew biex il-procedura ghall-pagament dovut u wisq inqas ma intavolaw proceduri legali sabiex tinbeda l-procedura apposita bl-avviz ghall-ftehim *ai termini* tal-**Kap 88** ma hijiex korretta.

"Illi dan ghaliex jirrizulta li l-Kummissjarju tal-Art mill-atti u mid-dokumenti esebiti jidher li kien jaf ben tajjeb min kienu is-sidien. Tant huwa minnu dan li f'ittra (Dok. "PM1" a fol 66 ipprezentata mill-intimat stess) mibghuta mill-*Office of Public Works lill-Commissioner of Lands* datata 21 ta' Novembru 1975 jirreferi ghal tali proprjeta` bhala *"the temporary structure built by Mifsud Bros. on Cassar's (formerly Bianco's) property…'* b'dan li Mifsud kienu l-inkwilin tal-hanut orginali; mill-file dipartimenali tal-proprjeta` *de quo* gew esibiti diversi dokumenti fejn juru li Mattew Cassar huwa nominat l-esekutur testamentarju tal-mejta Marianna Bianco. B'hekk jidher li l-Kummissjarju kellu l-opportunita` kollha li jibda l-procedura sabiex is-sidien jinghataw kumpens.

"Illi izda sfortunatament jidher li kien biss wara hamsa u erbghin (45) sena li ttiehdet l-istess art li l-Kummissarju tal-Artijiet intebah li kellu jikkumpensa r-rikorrenti u dan billi kif inghad fil-mori ta' din il-kawza beda l-procedura billi offra kumpens ghall-art in kwistjoni.

"Illi l-Qorti jinnota li skont **l-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghal skopijiet Pubblici (Kap 88, gja Kap 136 tal-Ligijiet ta' Malta)** kien il-Kummissarju tal-Artijiet li kellu jibghat avviz ghall-ftehim imbaghad jekk dan l-avviz jigi kontestat, l-Kummissarju kellu jintavola rikors quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet. Illum, taht l-istess ligi KIF emendata, meta l-Kummissarju jibghat l-avviz huwa l-intimat li jrid jipprocedi biex jintavola rikors opportun quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet. Pero` l-azzjoni dejjem tiddependendi mill-inizjattiva li jrid jiehu l-Kummissarju tal-Artijiet.

"Illi dan ifisser li tali proceduri ma kienux effettivament disponibbli lir-rikorrenti ghaliex l-Kummissarju tal-Artijiet qabel din il-kawza ma kien baghat l-ebda avviz. Irid jinghad li permezz tal-**Att XXV tas-sena 2009** giet introdotta sistema fejn wiehed jista' jikkontesta l-iskopijiet pubblici tad-dikjarazzjoni tal-President quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet permezz ta' rikors ipprezentat fir-registru tal-imsemmi Bord fi zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata mill-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni. Din il-Qorti lanqas ma hija konvinta li dawn ir-rimedji setghu jaffrontaw b'mod effettiv l-indoli kostituzzjonali tal-azzjoni odjerna. Dan ghaliex jidher li *inter alia* d-dewmien tal-Kummissarju tal-Artijiet li joffri kumpens lir-rikorrenti ser ikun element relevanti ghad-determinazzjoni ta' din il-kawza u r-rimedju li qed jitolbu r-rikorrenti jista' ghalhekk jigi sodisfatt b'mod effikaci biss permezz ta' kawza kostituzzjonali.

"Illi ghalhekk huwa taht dan l-aspett li din il-Qorti trid tezamina jekk ir-rikorrenti ezawrewx ir-rimedji taghhom u hawn issir riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **"Andrew Briffa et vs Kummissarju tal-Art et"** (P.A. (Kost) (RCP) – 27 ta' Novembru 2008) fejn inghad li din l-eccezzjoni hija bbazata fuq dak li jipprovdi l-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u din il-Qorti thoss li t-termini tal-istess artikolu ma jaghmluhiex tassattiva li l-istess Qorti tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha moghtija bl-imsemmi artikolu kull meta jirrizulta li kien hemm jew ghad hemm il-possibbilta' ta' proceduri ordinarji a disposizzjoni tar-rikorrenti.

"Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz, fejn ir-rikorrenti qed jittentaw jivvendikaw favur taghhom drittijiet fundamentali, tant li qed isostnu li dikjarazzjoni ta' esproprijazzjoni ta' proprjeta` taghhom li ilha li saret minn 1965 u ghadha *in vigore,* u tenut kont li l-proceduri konsegwenti ghall-istess ghadhom fl-istadju inizjali taghhom tant li dawn bdew b'xi mod fil-mori ta' dawn il-proceduri bl-offerta ta' kumpens, b'dan li l-istess rikorrenti qed jallegaw li tali dikjarazzjoni ta' esproprju qed tilledi *inter alia* d-drittijiet ta' proprjeta` taghhom fuq l-immobbli mertu tal-kawza odjerna, proprju ghaliex l-istess intimati qed jaghmlu uzu mill-istess art billi

krewha lill-privat u adirittura geddew l-istess kirja fil-mori ta' din il-procedura, u b'dan li allura l-art *de quo* ma hijiex mehtiega u lanqas allegatament uzata skop pubbliku, dawn huma lanjanzi ta' portata ferm gravi li fl-opinjoni tal-Qorti jimmeritaw li jigu approfonditi f'din il-kompetenza kostituzzjonali.

"Illi dan qed jinghad anke ghaliex ma jirrizultax li bl-involviment tal-istess rikorrenti fil-proceduri li jistghu jsiru quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet huma jistghu jinghataw xi rimedju effettiv ghal-lanjanzi kollha hawn sollevati, u wkoll ma giex ippruvat li l-istess rikorrenti kellhom xi rimedji ohra b'mezzi ordinarji xierqa, certi, u effikaci u effettivi sabiex jottjenu rimedju ekwu ghal-lamenteli taghhom. Lanqas ma jirrizulta li huwa desiderabbli li din il-Qorti tirrifjuta li tesercita l-poteri moghtija lilha mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropeja. **("Paolo Farrugia et vs Kummissarju tal-Artijiet"** (P.A. (GC) – 20 ta' Ottubru 2008).

"Illi ssir riferenza wkoll ghas-sentenzi **"Residual Limited vs Kummisarju tal-Artijiet"** u **"Raymond Vella et vs Kummissarju tal-Artijiet"** (Q.K. – 24 ta' Mejju 2004) fejn inghad li:-

………………………… omissis …………………………

*"Issa apparti li hu evidenti li r-rimedju talvolta disponibbli taht l-imsemmi artikolu 469A huwa ferm iktar limitat mir-rimedju li tista' taghti l-Prim Awla fil-kompetenza kostituzzjonali u konvenzjonali taghha, il-proviso ghas-subarrtikolu (2) kemm tal-Artikolu 46 kif ukoll tal-Artikolu 4, ma jghidx li l-Prim'Awla "ghandha" tirrifjuta li tesercita s-setghet taghha, izda li "tista, jekk tqis li jkun desiderabli li hekk taghmel" li tirrifjuta li tezercita dawk is-setghet. Fi kliem iehor, il-legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim'Awla biex, min-naha l-wahda ma jkunx hemm kawzi kostituzzjonali (jew taht il-Kap. 319) bla bzonn, izda min-naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew u taht il-lenti tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropeja (anke jekk dawn setghu jigu ezaminati taht xi ligi ohra) dawn jigu hekk ezaminati, u*

*dan fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li "huma jew kienu disponibbli" favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha".*

"Illi f'dan il-kaz qed issir *inter alia* l-vantazzjoni li tali esproprijazzjoni hija nulla u bla effett u dan ma jistax issir mill-Bord tal-Arbitragg u bil-ligi kif kienet u kif inhi llum hija din il-Qorti li jekk issib il-vantazzjoni tar-rikorrenti hija gustifikata li tista' tordna li l-fond jigi ritornat lilhom u jinghata dak li jissejjah bhala *"just justification"* tenut kont tal-fatti kollha kompriz li l-proprjeta` ilha f'idejn l-intimati mill-1965 sallum. B'hekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

"Illi dwar id-dritt ta' proprjetal-**artikolu Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja** jipprovdi s-segwenti:-

*"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi nternazzjonali.*

*"Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".*

"Illi kif gie ritentut fis-sentenza **"Pawlu Cachia vs Avukat Generali et"** (Q.K. 28 ta' Dicembru 2001), dan l-artikolu fil-fatt jennuncja tliet principji li, fil-kaz konkret jistghu jigu applikati jew separatament jew inkella *in combination*. Kif fissret il-Qorti Ewropeja fil-kaz **"Sporrong and Lonroth vs Sweden" (1982)**:-

*"….. this provision comprises three distinct rules. The first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature which enunciates the principle of peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the same paragraph, covers deprivations of possession and makes it subject to*

*certain conditions; and the third rule, stated in the second paragraph, recognizes that contracting states are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not "distinct" in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instances of interferences with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule ....." (A 52 para. 61).*

……………………… omissis ………………………

"Illi kif tahdem il-ligi ta' esproprijazzjoni gie ezaminat fis-sentenza **"John Mousu et vs id-Direttur tal-Lottu Pubbliku et"** (Q.K. 6 ta' Ottubru 1999 – Vol.DXXXIII.i.246) u fis-sentenza fl-ismijiet **"Pawlu Cachia vs Avukat Generali et"** (Q.K. - 28 ta' Dicembru 2001) fejn inghad li meta l-Ordinanza in kwistjoni kienet originarjament promulgata, il-Legislatur kien mhux biss haseb ghat-tehid immedjat tal-pussess u disponibbilta' tal-proprjeta` biex tigi utilizzata ghall-iskop li ghalih tkun giet esproprjata, imma wkoll ghall-process spedit ta' likwidazzjoni ta' kumpens dovut anke` bit-twaqqif ta' Tribunal kwazi gudizzjarju b'kompetenza teknika in materja. Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali:-

*"Zgur li l-Ordinanza qatt ma kienet mahsuba biex tigi mehuda art meta l-iskop pubbliku ma jkunx jirrizulta stabbilit, u wisq anqas kien mahsub illi l-Gvern jiehu l-art, jutilizzaha ghal ghexieren ta' snin, u xi darba jhallas il-kumpens".*

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kaz odjern jittratta f'esproprju veru u proprju fit-termini ta' dak li jipprovdu kemm l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel parti tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.** Jinghad li ma jistax isir esproprju tal-possedimenti ta' xi hadd minghajr kumpens u minghajr ma ikun fl-interess generali. Dan johrog mill-ittra tal-ligi fil-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-gurisprudenza tal-ECtHR (ghall-kwantu jirrigwardja l-kumpens – vide **the Holy**

**Monastries Case**). Din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha trid tara jekk inghatax kumpens jew le ghall-esproprju u jekk l-esprorju kien fl-interess pubbliku. Il-fatt li kien hemm id-dewmien sabiex l-Istat iddecieda jaffronta l-kwistjoni tal-kumpens, seta' wassal ghall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

"Illi r-rikorrenti jew il-predecessuri fil-kawza taghhom kienu jikru fond lil terzi u kellhom introjtu mill-fond. L-Istat iddecieda li jiehu l-proprjeta` biex, f'din il-parti, jaghmel triq imbaghad snin wara (jidher li kienu ghaddew ghal menu 10 snin mill-esproprju) bidlu fhemthom u ddecidew jergghu jibnu post biex jikruh. L-ideja kienet li jikruh lill-istess persuni li kienu jikruh qabel l-esproprju. L-intimat Kummissarju jghid li dan il-hanut kellu sservi l-ufficini governattivi u l-venda tal-*buses*.

"Illi fil-kaz **"James and others vs United Kingdom"** (21 ta' Frar 1986) il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECTHR) qalet illi, *'the notion of "public interest" is necessarily extensive. In particular, as the Commission noted, the decision to enact laws expropriating property will commonly involve consideration of political, economic and social issues on which opinions within a democratic society may reasonably differ widely. The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment be manifestly without reasonable foundation. In other words, although the Court cannot substitute its own assessment for that of the national authorities, it is bound to review the contested measures under Article 1 of Protocol No. 1 (P1-1) and, in so doing, to make an inquiry into the facts with reference to which the national authorities acted".*

"Illi l-fatt li l-Istat ghandu margni wiesa' ghal dak li jirrigwardja determinazzjoni ta' dak li huwa interess pubbliku pero` huwa fatt ukoll li l-Qorti Ewropeja ma tieqafx l-indagni taghha dwar jekk ikun hemm ksur ta' **artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll,** billi tara biss id-

dikjarazzjoni tal-Istat li ghamel dak li ghamel ghall-interess pubbliku. Il-Qorti tinvestiga jekk il-mizura li, allegatament hija fl-interess pubbliku, hija proprozjonali ghall-indhil li jkun sar. Il-Qorti tara, ghalhekk, jekk il-mizuri addottati sabiex jintlahaq dak il-ghan humiex *a disproportionate interference* fid-drittijiet tal-persuna li giet deprivata mill-proprjetà. *“Despite the margin of appreciation given to the State the Court must nevertheless, in the exercise of its power of review, determine whether the requisite balance was maintained in a manner consonant with the applicant's right to property’ (Vide* ***Rosinski v Poland, 17 July 2007****, para 78).*

“Illi ghalhekk jista’ ikun hemm interferenza izda trid isir analezi jekk l-mizuri li ttiehdu jibbilancjaw id-drittjiet individwali ma’ dawk kollettivi tas-socjetà. Il-principju baziku li l-Qorti Ewropeja isegwi f’dawn il-kazijiet, huwa l-principju tal-proporzjonalità. Fost il-kondizzjonijiet li trid tara l-Qorti sabiex tevalwu jekk hemm proporzjonalità fl-agir tal-Gvern, hemm il-kundizzjoni tal-kumpens. Fil-kaz odjerna dan se jkun fattur deciziv ghall-evalwazzjoni tal-interess pubbliku.

“Fil-kaz ta’ **Broniowski vs Poland** (deciza 22 ta’ Gunju 2004), gie ritenut li:-

*151. In assessing compliance with Article 1 of Protocol No. 1, the Court must make an overall examination of the various interests in issue, bearing in mind that the Convention is intended to safeguard rights that are “practical and effective”. It must look behind appearances and investigate the realities of the situation complained of. That assessment may involve not only the relevant compensation terms – if the situation is akin to the taking of property – but also the conduct of the parties, including the means employed by the State and their implementation. In that context, it should be stressed that uncertainty – be it legislative, administrative or arising from practices applied by the authorities – is a factor to be taken into account in assessing the State’s conduct.’*

"*In oltre*, fil-kawza **"Allied Newspapers Limited vs Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet"** (deciza fit-2 ta' Dicembru 2003) il-Qorti Kostituzzjonali qalet:-

*"Kien jispetta lil, u jinkombi fuq, l-Istat li jipprova adegwatament li fil-kaz partikolari li jkun taht ezami kienu jikkonkorru dawk l-elementi sine qua non mehtiega biex jintitolawh jagixxi fil-konfront tal-individwu b'mizura, in forza ta' ligi, li tkun ser tipprivah mill-possedimenti tieghu jew mill-uzu taghhom. Galadarba d-dritt tal-Istat li jesproprja jew jillimita l-uzu tal-possediment tal-individwu kien jikkostitwixxi deroga tal-jedd fondamentali u limitazzjoni tieghu, <u>dak id-dritt kellu jigi ezercitat biss fejn u sa kemm kien necessarju</u>, u dan ukoll peress li hu fuq kollox obbligu primarju tal-istess Stat li jirrikonoxxi d-drittijiet fondamentali tal-individwu, iwettaqhom u jharishom. Isegwi, ghalhekk, li l-Istat ma jistax bla bzonn ixekkel il-jedd tal-individwu ghat-tgawdija tal-possediment tieghu, u tali xkiel, fejn mehtieg, kellu mhux biss ikun proporzjonali mal-htigijiet tal-kollettivita` imma wkoll ma kellux jestendi lil hinn mill-htigijiet taghha".*

"Illi fil-fatt inghad li sabiex jigi koncess dan it-tehid mill-Istat dan jista' jsir biss fl-interess pubbliku u dan huwa dejjem suggett ghal verifiki mill-organi gudizzarji (**"Raymond Vella et vs Kummissarju tal-Artijiet"** (Q.K. – 24 ta' Mejju 2004) u huwa obbligu tal-Istat li jkun qed jesproprija li jipprova li dak l-esproprju jkun qed isir ghal interess pubbliku (**"Pawlu Cachia vs Avukat Generali"** (Q.K. – 28 ta' Dicembru 2001).

"Illi dwar x'inhu interess pubbliku ssir riferenza ghad-decizjonijiet **"John Mousu et vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et"** (Q.K. – 6 ta' Ottubru 1999) u **"Maria Stivala vs Direttur tal-Lottu Pubbliku"** (Q.K. 11 ta' April 2006) fejn inghad li:-

*"L-interess pubbliku qatt ma jista' jirreferi biss ghal interess essenzjament privat. Pero` ma jistax jigi eskluz li jkun hemm sitwazzjonijiet fejn art tittiehed minghand persuna biex tinghata lil persuna ohra u dan ikun fl-interess pubbliku. Dan jista' jsehh f'kuntest ta'*

*promozzjoni ta' gustizzja socjali bhal ma gie rikonnoxxut mill-Qorti Ewropeja fil-kaz James vs U.K. (1986)..."*

*"Il-Qorti Ewropeja fir-rigward tas-sinifikat tat-terminu "the public interest" fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, irriteniet illi: "a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannor be "in the public interest". Nonetheless, the compulsary transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitament aim for promoting the public interest".*

"Illi fil-fatt fil-kaz **"James and Others"** (1986) inghad li *"The taking of property effected in persuance of legitimate social, economic or other policies may be in the public interest; even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken".*

"Illi kif inghad fis-sentenza **"Mary Stivala vs Direttur tal-Lottu Pubbliku"** (Q.K. – 11 ta' April 2006):-

*"l-interess pubbliku qatt ma' jista' jirreferi ghall-interess privat. Pero` ma jistax jigi eskluz li jkun hemm sitwazzjonijiet fejn art tittiehed minghand persuna biex tinghata lill persuna ohra u din tkun fl-interess pubbliku. Dan isehh fil-kuntest ta' promozzjoni ta' gustizzja socjali bhal ma gie rkonoxxut mill-Qorti Ewropeja fil-kaz James vs U.K. (1986)".*

*"Il-Qort Ewropeja fir-rigward tas-sinifikat tat-terminu "the public interest fl-ewwel artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, irriteniet illi "a deprivation of property effected for no reason other than to confer a benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless, the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending on the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest".*

*“Din l-enuncjazzjoni ta’ principju fil-kawza James and Others (1986) giet ulterjorement eleborata fl-istess gudizzju hekk:-*

*“The taking of property effected in persuanse of legitament social, economic or other policies may be “in the public interest”; even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken”* (**“M. Cutajar vs Kummissarju tal-Artijiet”** – 30 ta’ Novembru 2011).

“Illi **Pieter van Dijk f’Theory and Practice of the European Convention of Human Rights”** (4th Edit. Pg. 878-879) jghid:-

*“Under this head the Court examines 1) wheter the deprivation had a “public interest” aim”; 2) whether the measure was proportionate in relation to the aim pursued; and 3) whether the measure was lawfulm, i.e. “provided for by law and by the ‘general principles of law’”.*

“Illi fil-kaz **“Handyside (EctHR –** 21 ta’ Frar 1986) il-Qorti Ewropeja, b’referenza ghal dak li gie konkluz fil-kaz **“James”** l-Istat ghandu “a margin of appreciation” kkonkludiet li:-

*“the notion of “public interest is necessarily extensive.......a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be “in the public interest”.*

“Illi dan gie kkonfermat fid-decizjoni **“Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali”** (Q.K. 8 ta’ Jannar 2007) fejn fil-Prim’Istanza inghad li:-

*“L-artikolu 3 tal-istess Ordinanza (Kap. 88) jaghti l-fakulta lill President ta’ Malta li jiddikjara illi l-art hija mehtiega ghal skop pubbliku. Tali dikjarazzjoni hija prova tan-natura politika tat-tehid billi skont l-artikolu 6 hadd ma’ jista jitlob prova barranija”.*

*“Maz zmien u bl-izvilupp ta’ gurisprudenza f’dan ir-rigward din ir-rigidita` fl-interptretazzjoni ta’ x’jammonta ghal skop pubbliku, issubiet kambjamenti u l-Qrati ezaminaw jekk it-tehid forzuz ta’ proprjeta` taht l-umbrella tal-ligi, kienx verament fl-interess pubbliku jew kien b’rizultat ta’ xi abbuzi tal-awtoritajiet. Bdiet tigi adoperara l-mizura ta’ x’inhu accettabbli f’socjeta’ demokratika....”*

*“Izda fil-fehma ta’ din il-Qorti l-interess intrinsikament privat ta’ uhud li jibbenifikaw essenzjalment man-negozju gestit minn proprjeta` tar-rikorrenti jxejjen dak l-interess pubbliku li trid il-Konvenzjoni Ewropeja sabiex tehid forzuz ta’ proprjeta` jkun gustifikat”.*

“Illi mbaghad il-Qorti Kostituzzjonali fl-istess kawza sostniet u elaborat li:-

*“S’intendi, dan ma jfissirx li l-proprjeta` privata ma tistax tittiehed anke biex jigu promossi (anke jekk mill-privat) attivitajiet kummercjali li jkunu direttament, jew forsi anke indirettament, fl-interess pubbliku – ara f’dan ir-rigward is-sentenza ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Marzu 2003 fl-ismijiet “Emmanuel Vella pro et noe vs Kummissarju tal-Artijiet et” – izda meta si stratta ta’ interferenza ma’ proprjeta` privata meta l-Istat ikun ghadu ma akkwistax kompletament dik il-proprjeta`, l-interess pubbliku ghandu jibqa’ jissussisti ghall-perjodu kollu ta’ din l-interferenza. Jekk tali interess pubbliku jkun nieqes, allura tigi nieqsa wkoll il-bazi legittima ghal dik l-interferenza. Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li fil-kaz in dizamina hemm vjolazzjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll minhabba li l-appellata ( u qabilha l-awturi taghha) qed jigu mitluba jgorru “a disaproportionate burden”.* Kif osservat fis-sentenza **Maria Stivala vs Kummissarju tal-Artijiet et”** *jinkombi wkoll fuq l-Ezekuttiv sabiex f’kaz ta’ kontestazzjoni kif inghad, jissodisfa lill-organu giudizzjarju li fil-kaz konkret ikun inzamm dak l-element ta’ bilanc jew proporzjonalita` bejn l-ghan li jkun irid jintlahaq fl-interess pubbliku min-naha u l-protezzjoni tad-dritt fundamentali ta’ individwu min-naha ohra”.*

“Illi l-istess inghad fis-sentenza **“Residual Limited vs Kummissarju tal-Artijiet”** (P.A. (S.K.) (LFS) – 19 ta’ Ottubru 2011 fejn gie konkluz li gew rezi d-drittijiet ta’ proprjeta` tas-socjeta’ imsemmija meta nzammet proprjeta` sottostanti triq f’Bugibba u intuzat sabiex inbnew numru ta’ *boathouses* li gew mikrija lill terzi. L-istess inghad fis-sentenza **“Josephine Mary Vella vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et”** (P.A. (S.K.) (AF) – 11 ta’ Ottubru 2011 u cjoe’ li:-

*“Din il-konsiderazzjojni baqghet ferma matul is-snin. Ricentement fil-kawza “Grech et vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et” (7 ta’ Dicembru 2010) rega’ intqal illi:-*

*“L-interess pubbbliku qatt ma jista’ jirreferi ghall-interess essenzjalment privat, u l-interess hu dejjem privat meta ma ghandux applikazzjoni ghall-generalita` tac-cittadini, l-universalita` tal-pubbliku fl-Istat, u dan ghaliex jekk ma jigix precizat sew il-kuncett ta’ interess pubbliku dan jista’ jintuza biex jimmina d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem kif protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropeja”.*

“Illi applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami jirrizulta li l-immobbli huma mikrija lil terzi bhala ‘snack bar’ u allura ghal skopijiet ta’ kummerc u dan ma jistax u ma jaqax bhala wiehed ta’ interess pubbliku. Certament din il-Qorti thoss li dan huwa ghemil li qed jaqdi interess intrinsikament privat u l-inkwilini qed jikru fond purament ghal skopijiet kummercjali u dan anke jekk jigi koncess li l-post iservi ghas-sewwieqa tal-karozzi tal-linja bhala ‘snack bar’ u ghalhekk iz-zamma tal-proprjeta` saret u qed issir intrinsikament ghall-interess privat.

“Illi dwar l-ammont ta’ kumpens, fil-kaz tal-**‘Holy Monasteries vs Greece,** il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (EctHR) qalet li:-

*“Compensation terms under the relevant legislation are material to the assessment whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably,*

*whether it does not impose a disproportionate burden on the applicants. In this connection, the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value will normally constitute a disproportionate interference and a total lack of compensation can be considered justifiable under Article 1 (P1-1) only in exceptional circumstances. Article 1 (P1-1) does not, however, guarantee a right to full compensation in all circumstances, since legitimate objectives of "public interest" may call for less than reimbursement of the full market value (see the Lithgow and Others v. the United Kingdom judgment of 8 July 1986, Series A no. 102, pp. 50-51, para. 121)".*

"Illi hawnhekk, fil-kaz odjern ma kien hemm l-ebda kumpens ghal hamsa u erbghin (45) sena shah u mbaghad l-kumpens (fis-sena 2010) gie kkalkulat fuq stima tas-sena 2005. Pero` huwa rilevanti li fil-mori tal-kawza l-Kummissarju tal-Artijiet ipproceda billi kera l-fond *verso* l-kera ta' Lm900 (€2,096.44) fis-sena u mbaghad ftit xhur wara ghamel *re-valutation* tal-proprjeta` biex ta stima ta' €13,000. Issa jekk wiehed jikkapitalizza r-rata kummercjali ta' kera hawn illum indikata bir-rata ta' 3.5% kif normalment ssir fil-kiri dan iwassal ghall-ammont ta' €59,898.10 u dan huwa hames darbiet aktar mill-valur indikat mill-Kummissarju tal-Artijiet f'Ottubru 2010. Il-fatt huwa li jekk l-Kummissarju jkompli bl-esproprju r-rikorrenti jistghu jikkontestaw dan l-ammont izda llum dan gie capped ghal valur tal-istess fis-sena 2005.

"Illi f'dan il-kuntest huwa ta' relevanza li wara li hareg l-Avviz ta' Esproprju tal-1965, hareg avviz ta' rivalutazzjoni tal-proprjeta` f'Ottubru 2010 b'dan li pero` l-ewwel wiehed ma giex imhassar, u jidher li dan sar proprju minhabba n-natura tal-kawza odjerna fis-sens li t-talbiet taghha jigu b'xi mod newtrallizati, tenut kont tal-fatt li jidher li l-intimat biddel l-posizzjoni tieghu wara li infethet il-kawza kontra tieghu fit-2 ta' Marzu 2010 u gie notifikat fit-8 ta' Marzu 2010. Mela allura dan jista' jkun sar ukoll sabiex ixejjen jew jittenta jxejjen l-eventwali ezitu tad-decizjoni ta' din il-Qorti izda dan immur kontra l-kuncett ta' *equality of arms* kemm fil-proceduri *ut sic* kif ukoll f'dawk li huma l-elementi

essenzjali ghall-applikazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni li jirrelataw ghal kuncett tas-Saltna tad-Dritt u d-duttrina tas-Separation of Powers hekk hija l-posizzjoni kif espressa fil-kawza fl-ismijiet **“Il-Kummissarju tal-Artijiet vs Frank Calleja et”** (P.A. (QK) (RCP) – 27 ta’ Settembru 2008)

“Illi f’dan il-kaz jidher li saret kirja ohra mid-Dipartiment u wkoll hareg l-Avviz imsemmi u dawn certament qed jittentaw ibiddlu l-posizzjoni tar-rikorrenti mill-mument li nbdiet il-kawza sallum u dan huwa serju meta fil-paragrafu 2.6 tar-risposta taghhom sostnew li ma hemmx sitwazzjoni fejn ghandu jkun hemm rimedji provizzorji ghaliex fi kliemu *“m’hemmx sitwazzjoni fejn jekk ir-rikorrenti jkollhom success huma rinfaccjati b’sitwazzjoni ta’ fatt komplut li jeludu l-gudizzju”.* Imbaghad jsiru dawn l-atti mill-intimat stess u ma tinzammx almenu l-*istatus quo* sakemm jigi determinat il-kaz. Certament li dan ma huwiex accettabbli taht l-ebda aspett lanqas dak ta’ rgulija u *buona fede*, inqas u inqas huwa accettat meta proceduri gudizzjarji huma pendenti f’Qorti dwar li tiddeciedi dwar ksur tad-drittijiet ta’ bniedem.

“Illi dwar il-kwistjoni ta’ kumpens ma hemmx dubju li ladarba l-fond inghata lil persuna privata b’titolu ta’ kera mhuwiex, *per se*, kontra l-interess pubbliku izda f’dan il-kaz inghata biss ghal skopijiet privati ta’ terza persuna u ma hemm ebda interess pubbliku, izda dan huwa aggravat mil-fatt li sallum ir-rikorrenti ma rcevew l-ebda kumpens u dan huwa ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Konvenzjoni u certament li f’dan il-kuntest r-rikorrenti gew ipprivati mit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom mis-sena 1965 sallum minghajr salvagwardji procedurali appositi sabiex ir-rikorrenti jikkontestaw is-sitwazzjoni.

“Illi l-Qorti tghid illi d-dritt ghall-access ghall-Qorti mhux dritt li huwa elenkata bhala tali fl-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja** pero` zviluppat permezz tal-gurisprudenza. Il-Qorti irrikonoxxiet id-dritt ghall-access ghal qorti fil-kawza **“Golder vs The United Kingdom”** (21 ta’ Frar 1975). Il-Qorti sostniet illi ma taghmilx sens illi

jkunu garantiti d-drittijiet ghas-smigh xieraq quddiem tribunal imparzjali u indipendenti jekk effettivament individwu ma jkollux access ghal din il-qorti. **Artikolu 6 para. 1** ma jaghtix id-dritt ghal dan l-access esplicitament izda mill-prinicipji deskritti f'dan l-artikolu l-Qorti waslet ghal konkluzjoni illi d-dritt ghas-smigh xieraq huwa inkonceppibli minghajr id-dritt ghal access.

"Illi fil-fatt il-Qorti qalet illi '*it would be inconceivable, in the opinion of the Court, that Article 6 para. 1 (art. 6-1) should describe in detail the procedural guarantees afforded to parties in a pending lawsuit and should not first protect that which alone makes it in fact possible to benefit from such guarantees, that is, access to a court. The fair, public and expeditious characteristics of judicial proceedings are of no value at all if there are no judicial proceedings. Taking all the preceding considerations together, it follows that the right of access constitutes an element which is inherent in the right stated by Article 6 para. 1 (art. 6-1). This is not an extensive interpretation forcing new obligations on the Contracting States: it is based on the very terms of the first sentence of Article 6 para. 1 (art. 6-1) read in its context and having regard to the object and purpose of the Convention, a lawmaking treaty (see the Wemhoff judgment of 27 June 1968, Series A no. 7, p. 23, para. 8), and to general principles of law)".*

"Illi l-Qorti trid tara jekk il-ligi in kwistjoni taghti access ghall-Qorti jew ghall-Bord. Il-ligi ma tathomx dritt jagixxu quddiem l-Bord ghal kwantu jirrigwardja l-kumpens dovut. Hawnhekk li Qorti taqbel mar-rikorrenti (kif *del resto* gja' intqal hawn fuq) meta jghidu li taht il-ligi l-antika, kien ikun il-Kummissarju tal-Artijiet li jrid jibghat l-avviz ghall-ftehim imbaghad jekk l-avviz jigi kontestat, l-Kummissarju jintavola rikors quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet u llum is-sitwazzjoni hija li meta jintbaghat l-avviz huwa l-intimat li jrid jipprocedi biex jintavola rikors opportun quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet. Irid jinghad li permezz tal-**Att XXV tas-sena 2009** giet introdotta sistema fejn wiehed jista' jikkontesta l-iskopijiet pubblici tad-dikjarazzjoni tal-President quddiem il-Bord ta'

Arbitragg dwar Artijiet permezz ta’ rikors ipprezentat fir-regstru tal-imsemmi Bord fi zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata mill-pubblikazzjoni ta’ dik id-dikjarazzjoni. Il-Qorti ghandha dubji serji dwar l-effikacja ta’ din id-disposizzjoni specjalment minhabba l-fatt li fid-dikjarazzjoni tal-President ma jkunx hemm miktub ghalfejn qed tigi esproprjata l-art; ghalhekk kif jista’ wiehed jikkontesta l-iskop pubbliku kif ma jafx x’inhu l-iskop tal-esproprju.

“Illi pero` huwa cert li fis-sena 1965 din l-azzjoni ma kinetx possibbli u azzjoni tal-persuna esproprjata kienet tiddependendi mill-azzjoni tal-Kummissjarju. B’hekk ma hemmx dubju li dan huwa kollu leziv ghad-drittijiet tar-rikorrenti in kwantu ghal zmien twil ma setghux jagixxu gudizzjarment minhabba li l-intimat naqas li jiehu l-inizjattiva li l-Ligi taghtu u allura r-rikorrenti ma setghux jaccedu ghal zmien twil ghal tribunal indipendenti.

“Illi tenut kont ta’ dan kollu issa din il-Qorti trid tara x’inhuma r-rimedji u hawn ssir riferenza ghas-sentenza **“Victor Gatt et vs Avukat Generali et”** (Q.K. – 5 ta’ Lulju 2011) fejn inghad li skont l-**artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem** hemm *“If the Court finds that a decision or a measure taken by a legal authority or another authority of a High Contracting Party, is completely or partially in conflict with the obligations arising from the present convention, and if the internal law of the said Party allows only partial reparation to be made for the consequences of this decision or measure, the decision of the Court shall, if necessary, afford just satisfaction to the injured party”.*

“Illi inghad ukoll li dwar *“just satisfaction” ir-regola hija li l-Qorti ssib li hemm vjolazzjoni, sa fejn hu possibbli, l-istat ghandu jipprovdi ghal restitutio in integrum. Meta dan ma jkunx possobbli jew inkella jkun biss parzjalment possibbli l-Qorti ghandha taghti just satisfaction. Id-decizjoni hi d-dikjarazzjoni ta’ vjolazzjoni wahedha tkun bizzejjed hija l-eccezzjoni u ghandha tkun riservata ghal kazijiet fejn hemm rimedju jew konsegwenzi huma zghar. Fil-kazijiet l-ohra fejn il-lezjoni hija aktar serja l-Qorti ghandha taghti kumpens pekunarju ghal dik il-vjolazzjoni...”*

"Illi konsegwenti ghal kaz **"Amato Gauci vs Malta"** (EctHR – 15 ta' Settembru 2009) jirrizulta li jinghata kumpens skont l-artikolu 41 tal-Konvenzjoni biss fil-kaz meta r-rimedju ma jkunx jista' jigi riparatat b'*restitutio in integrum*, u dan il-kumpens ma huwiex ekwivalenti ghad-danni sofferti ghaliex ma huwiex intiz bhala risarciment tad-danni izda kumpens ghar-riparazzjoni ghal ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti li ma rcevewx kera adegwat ghal snin twal u l-Qorti ghamlet dan wara li hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni izda mhux necessarjament kalkolu matematiku tal-valur lokatizzju.

"Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-opinjoni li applikati tali principji ghal kaz odjern jirrizulta li d-dikjarazzjonijiet li saru ta' tehid ta' proprjeta` ghal skop pubbliku fis-7 ta' Mejju 1965 u d-dikjarazzjoni tas-6 ta' Ottubru 2010 u kull att iehor li sar mill-intimat l-Kummissarju tal-Artijiet f'din il-kawza li jeffetwa l-proprjeta` mertu ta' dawn il-proceduri huma nulli u bla effett ghaliex ma sarux ghal skop u fl-interess pubbliku u ghalhekk l-effett tal-istess dikjarazzjonijiet u atti sakemm jolqtu l-proprjeta` mertu tal-kawza odjern qed jigu ddikjarati nulli u bla effett u konsegwentement qed tordna rilaxx tal-istess proprjeta` bil-pussess vakanti lir-rikorrenti; u kwantu ghar-raba' talba din qed tigi milqugha fis-sena li tenut kont taz-zmien li l-istess rikorrenti ilhom privata mill-pussess tal-istess awtorita` u bbazat fuq il-kalkoli li saru anke mir-rikorrenti fit-trattazzjoni tal-kawza nkluz dak minnhom indikat fin-nota ta' osservazjonijiet taghhom, u tenut kont tal-fatt li din il-Qorti ma hijiex marbuta ma' kalkolazzjoni matematici dwar il-kera u lanqas mal-valur offert mill-intimat jew inkella mal-valur tal-proprjeta` attwali per se, ghalkemm dawn kienu u jibghu relevanti, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u tenut kont ta' dak li gja gie akkordat *in vista* tal-ewwel talba qed tiffissa l-kumpens xieraq u adegwat fl-ammont ta' €40,000 li ghandhom jithallsu mill-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet.

"Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-Avukat Generali ma ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex l-Istat hawn huwa rappresentat mill-intimat l-iehor, fil-waqt li l-prezenza

tal-kjamati fil-kawza hija necessarja ghaliex huma fil-fatt qed igawdu mill-att abbusiv mil-Ligi maghmul mill-intimat l-iehor u ladarba qed tigi ordnata r-*restitio in integrum* mela allura dan ser jaffetwahom; ma jistghux jghidu li ma kienux partecipi f'dan l-operat, ghaliex *per lo meno* huma kienu parti fil-kirja li biha qed jirritjenu l-istess immobbli mertu tal-kawza odjerna u allura l-ewwel talba qed tigi milqugha wkoll fil-konfront taghhom.

………………………… omissis …………………………

*L-Aggravji*

**[13]** L-appellanti sejjsu l-appell taghhom fuq tlett aggravji: [1] li l-esproprju ma kienx priv mill-interess pubbliku; [2] li ma kellux jinghata kumpens bhala danni morali, izda l-kumpens kellu jigi regolat skont il-Kap.88; [3] li l-art tal-appellati hija parti biss minn footprint akbar li fuqha nbena l-hanut, u ghalhekk ma kellux jigi ordnat il-rilaxx tal-hanut mill-kjamati fil-kawza ukoll.

**<u>L-Appell</u>**

*L-Ewwel Aggravju*

**[14]** Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet zbaljati tad-dritt konvenzjonali protett mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll meta waslet ghall-konkluzjoni li l-espropriju ma kienx sar fl-interess pubbliku.

*L-Interess Pubbliku*

**[15]** L-appellant jispjega hekk l-interess pubbliku li a bazi tieghu sar l-espropriju fis-sena 1965:

"...id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur inharget sabiex isir il-progett ta' Haz-Zabbar li jinkludi l-amenitajiet u ufficini tal-Gvern, Centru Civiku,latrini u l-pjazza li kienet tintuza bhala l-venda tal-karrozzi tal-linja tal-lokal, apparti li tintuza ghall-attivitajiet kulturali tal-lokali. Ghandu jinghad li mal-bdil fis-sistema tal-karrozzi tal-linja [fis-sena 2011],

l-imsemmija pjazza baqghet tintuza ghall-attvitajiet tal-lokalita`".

**[16]** Ir-rapprezentant tal-appellant, Peter Mamo, spjega li dan il-hanut kellu:
"iservi l-interess pubbliku ma' l-amenitajiet tal-pjazza u c-Centru Civiku fejn hemm il-venda tal-karrozzi tal-linja u ufficini governattivi uzati mill-pubbliku f'Haz Zabbar.

"Il-hanut ezistenti llum inbena mid-Dipartiment tax-Xogholijiet fuq livell aktar gholi ta' madwar sular mic-Centru Civiku sabiex ikun aktar komdu u accessibbli ghall-pubbliku li juzaw it-trasport pubbliku u haddiema tal-istess trasport pubbliku. Dan il-hanut jinstab fl-istess livell tal-venda tal-karrozzi tal-linja....... Inoltre, inbnew latrini pubblici fil-livell ta' that il-hanut li jgawdu servitu ta' katusi ta' dranagg in komuni mal-imsemmija latrini li jinsabu fil-livell aktar baxx. Ghalhekk l-uzu tal-art esproprijata qed tintuza ghall-interess pubbliku kif kien intenzjonat."[1]

**[17]** In tema legali u fis-succint, din il-Qorti tosserva li din il-materja hija regolata mis-segwenti principji:

**[18]** L-oneru tal-prova li l-espropriju sar fl-interess pubbliku jirrisjedi fuq l-Istat[2]. Dan l-interess ghandu jibqa' jissussisti sal-mument li l-art tkun defenittivament ghaddiet f'idejn l-Istat bil-konkluzjoni tal-proceduri ta' esproprijazzjoni[3]. L-interess pubbliku hu mmirat lejn il-generalita` u marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-proprjeta` qed tintuza, u dan indipendentement minn jekk dik l-attivita` tkunx maghmula minn awtorita` pubblika[4]; ma jista' qatt jirreferi ghall-interess essenzjalment privat, u l-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghal generalita` tac-cittadin, tal-universalita` tal-pubbliku fl-Istat. Mill-banda l-ohra pero` il-fatt li terz privat, individwu, jibbenefika ukoll mill-esproprijazzjoni jew ikun involut b'xi mod fit-thaddim anke jekk bi profitt ghalih,

---

[1] Aff. Peter Mamo – 17 Lulju 2010 – fols.64-65
[2] Q.Kos. ***Pawlu Cachia v. Avukat Generali*** – 28 Dicembru 2001
[3] Q.Kos. ***Tarcisio Borg v. Segretarju Parlamentari Ambjent*** – 28 Jannar 2005
[4] Q. Kos. ***Mario Cutajar noe v. Kummissarju tal-Artijiet*** – 30 Novembru 2001; Q.Kos. ***Josephine Mary Vella v. Direttur Akkomodazzjoni Scojali u Kazin tal-Banda Leonard*** – 25 Mejju 2012

ta' progett li jkun fl-interess pubbliku u li jkun jirrikjedi esproprijazzjoni ta' art jew possediment iehor, ma jfissirx necessarjament li dik l-esproprijazzjoni ma tkunx saret fl-interess pubbliku[5]. L-interess pubbliku jinkludi kull aspett tal-hajja socjali tal-pajjiz, inkluz skop kulturali[6]. Dan l-iskop, socjali jew kulturali jolqot firxa differenti ta' nies, anke jekk ikun hemm persuni li ma jinteressawx ruhhom f'attivitajiet ta' din ix-xorta[7];
“A taking of property effected in pursuance of a legitimate social, economic or other policies may be in the public interest even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken............A deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be in the public interest. Nonetheless the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending on circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest”[8]

**[19]** Fil-mertu l-Qorti tosserva li f'dan il-kaz jirrizulta li meta harget id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur fis-sena 1965 l-art esproprijata kienet intiza sabiex tghaddi triq minn fuqha. Di fatti l-hanut [nru.59] li kien hemm fuqha kien *“beda bhala struttura temporanea, kien mibni fuq porzjon art intiza ghal triq skont il-Pjan Regolatur ta' dak iz-zmien”[9].* Kienet ukoll intiza sabiex isir Centru Civiku tal-lokal u toroq ancillari. Ghalhekk ghandu jirrizulta car li dak iz-zmien ghall-esproprju kien jezisti l-interess pubbliku, ghax il-holqien u kostruzzjoni ta' toroq li jipprovdu access ghall-pubbliku minn post ghal iehor hija forsi l-manifestazzjoni l-aktar cara u qawwija ta' servizz moghti lill-pubbliku.[10]

**[20]** Il-problema nqalghet fis-sena 1972 meta, rizultat ta' bdil fil-Pjan Regolatur, l-uzu li ghalih kienet intiza l-art esproprijata nbidel, fis-sens li ma kienx ser iservi biex

---

[5] Tarcisio Borg [supra]; Q.Kos. ***Frendo Randon et v. Kummissarju tal-Artijiet*** – 10 Lulju 2009
[6] Ibid.
[7] Q.Kos. ***Philip Grech pro et noe v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali*** - 7 Dicembru 2010
[8] QEDB - ***James and Others v United Kingdom*** [supra]
[9] Aff. Peter Mamo – fol.64
[10] Q.Kos. ***Mario Cutajar*** [supra]

tghaddi triq, izda sabiex jifforma parti minn bicca art akbar li fuqha kien ser jinbena hanut tal-cafe` akbar biex jaqdi l-utenti tal-pjazza, tac-Centru Civiku, ufficini tal-Gvern u tal-venda tal-karrozzi tal-linja. Fi kliem iehor, kien parti minn progett li l-Gvern ghamel f'dik il-pjazza.

**[21]** Ghalhekk, fir-rigward, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti fl-osservazzjoni taghha li f'dan il-kaz il-kirja *"inghatat biss ghal skopijiet privati ta' terza persuna u ma hemm ebda interess pubbliku.."* Huwa minnu li l-Gvern kera l-hanut lill-inkwilini precedenti sabiex jiggestuh bhala tali, izda dan ma jinnewtralizzax l-interess pubbliku marbut mal-espropriju tal-art in kwistjoni. Di fatti, dan il-hanut gie mikri espressament sabiex jintuza bhala *"snack bar"*[11] u b'dan il-mod ikun ta' utilita` ghall-pubbliku in generali li juza l-pjazza, u l-ambjenti f'dak il-post. Dan imur kontra t-tezi tal-appellati li l-hanut iservi biss lill-inkwilini, u li l-esproprju sar unikament fl-interess taghhom. Inoltre, dan l-interess pubbliku kien u ghadu jissussisti minkejja li fis-sena 2011 il-venda tal-karrozzi tal-linja m'ghadhiex f'dik il-parti tal-lokal, u dan peress li l-ambjenti l-ohra li ghalihom iservi l-hanut ghadhom hemm.

**[22]** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

*It-Tieni Aggravju*

**[23]** Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma kellhiex tordnalu jhallas lill-appellati s-somma ta' €40,000 bhala kumpens 'xieraq u adegwat' li jinkludu danni morali u danni ta' okkupazzjoni sa dak in-nhar tar-rilaxx effettiv. Dan, peress li l-esproprijazzjoni kienet wahda legali u ghalhekk m'hemmx lok li jinghata xi kumpens ghajr dak illi huwa provdut mill-Kap. 88, u cioe` l-valur shih tal-proprjeta` u l-imghax mid-data tal-okkupazzjoni, kif jigi deciz mill-Bord tal-Arbitragg imwaqqaf appozitament mil-ligi.

---

[11] Dok.A – Fol.147

**[24]** L-appellant isostni li l-fatt li l-Avviz ghal Ftehim ma harigx fis-sena 1965, izda fis-sena 2010, u precizament bl-Avviz[12] pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fis-6 ta' Ottubru 2010, ghandu jitqies mhux bhala ta' pregudizzju ghall-appellati, izda minflok, ghandu jitqies ta' beneficju ghalihom, stante li skont dan l-Avviz il-proprjeta` giet stmata bil-valur tas-sena 2005 meta allura l-valur tal-proprjeta` kien aktar b'sahhtu milli kien fis-sena 1965. Inoltre, il-ligi tipprovdi ghall-hlas tal-imghax legali sa mis-sena 1965.

**[25]** Barra minnhekk jghid li *"is-sidien akkwiexxew f'dan l-istat ta' fatt u m'ghandux ikun permess illi dawn jagixxu wara hafna zmien biex jaqilbu stat ta' fatt kristalizzat u pacifiku."*

**[26]** Din il-Qorti tosserva f'dan il-kaz, li hija opportuna l-osservazzjoni li ghamlet din il-Qorti fil-kawza **Pawlu Cachia v. Avukat Generali**[13] li:
"Wiehed ghandu jifhem li meta kienet originarjament promulgata l-Ordinanza Dwar it-Tehid tal-Art ghal Skop Pubbliku tramite il-procedura tal-esproprijazzjoni, il-legislatur kien mhux biss haseb ghat-tehid immedjat tal-pussess u d-disponibilita` tal-proprjeta` biex tigi utilizzata ghall-iskop li ghalih tkun giet esproprijata, imma wkoll ghal process spedit ta' likwidazzjoni ta' kumpens dovut anke bit-twaqqif ta' tribunal kwazi gudizzjarju b'kompetenza teknika in materja. Zgur li l-Ordinanza qatt ma kienet mahsuba biex … … … il-Gvern jiehu l-art, jutilizzaha ghal ghexieren ta' snin u xi darba jhallas kumpens."

**[27]** Ukoll gie affermat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li:
"Not only must an intereference with the rights of property pursue on the facts as well as in principle a legitimate aim in the general interest, but there must also be a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realized by any measures applied by the State.... The requirement is

[12] Fol.110
[13] Q.Kos – 28 Dicembru 2001

expressed by the notion of *'fair balance'* that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's rights. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 of Protocol1 as a whole. In each case involving an alleged violation of that Article the court must therefore ascertain whether by reason of the State's interference the person concerned had to bear a <u>disproportionate and excessive burden</u>."[14]

**[28]** Fil-mertu jigi osservat li, ghalkemm l-espropriju sar fis-sena 1965, kien biss, fil-mori ta' dawn il-procedura, u cioe` meta harget id-Dikjarazzjoni Presidenzjali fis-6 ta' Ottubru 2010 li l-appellati setghu jipprocedu taht il-Kap. 88 kemm biex jikkontestaw l-iskop pubbliku tad-Dikjarazzjoni, kif ukoll biex jikkontestaw l-ammont tal-kumpens hemm indikat.

**[29]** L-appellata Carmen Zammit fl-affidavit taghha tghid li hija talbet lid-Dipartiment diversi drabi sabiex l-art esproprijata tigi ritornata lilhom izda bla success sas-sena 1988, meta f'nofs din is-sena l-Gvern irrilaxxja dik il-bicca mill-art li ma kellux bzonn. Dan ifisser li mis-sena 1965 sas-sena 1988, cioe` ghal 23 sena l-appellati gew privati minn din il-bicca art ritornata lilhom, li kienet ghandhom taht titolu ta' sub-emfitewsi temporanju li jaghlaq fis-sena 2047, minghajr kumpens ta' xejn, filwaqt li fir-rigward tal-kumplament tal-art, mertu tal-kawza odjerna, huma baqghu bla kumpens sallum.

**[30]** Fil-kwadru premess din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, tirravviza lezjoni tad-dritt fundamentali tal-appellati taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u ghalhekk huma ghandhom jigu kumpensati ghal din il-lezjoni, li bl-espropriju tal-art fuq medda ta' <u>snin twal</u>, minghajr ebda kumpens, huma kellhom igorru *"a disproportionate and excessive burden"* b'mod li l-piz li kellhom igorru tul dawn

[14] QEDB - ***Hutten Czapyuska v Poland*** – para.166 – 19 Gunjnu 2006 – Sottolinear ta' din il-Qorti

is-snin kollha kien sproporzjonat ghall-ghan legittimu tal-esproprju.

**[31]** Izda din il-Qorti ma tikkondividix il-hsieb u l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-kumpens dovut ghal din il-lezjoni ghandu wkoll ikopri *"danni ta' okkupazzjoni sa dak in-nhar tar-rilaxx effettiv".* Dawn huma danni materjali, li fil-kaz ta' esproprjazzjoni huma regolati bl-Artikolu 12 [3] tal-Kap. 88 li jipprovdi ghad-dekorriment tal-imghax tal-5%.

**[32]** Ghalhekk il-kumpens dovut kellu jkun limitat ghal-lezjoni tad-dritt konvenzjonali u kostituzzjonali subita mill-appellati, filwaqt li jibqghu impregudikati d-drittijet tal-appellati ghal kumpens u l-imghaxijiet legali taht l-imsemmi Kap. 88

**[33]** Fl-ahhar, fir-rigward tal-komputazzjoni tal-kumpens, ghandu jittiehed kont ukoll tat-tul ta' zmien li l-appellati hallew jghaddi qabel ma ddecidew li jistitwixxu dawn il-proceduri fit-2 ta' Marzu 2010. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza **Josephine Mary Vella v. Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et**[15] "... … … id-dewmien biex ir-rikorrenti tiehu passi biex tibda dawn il-proceduri ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fit-tnaqqis tal-ammont tal-kumpens li ghandu jinghata".

**[34]** Inoltre, ma tressqet ebda stima tal-art de quo, hlief dik ta' €13,000 maghmula mill-periti tal-Gvern u li tinsab indikata mad-Dikjarazzjoni tal-President ippubblikata fis-6 ta' Ottubru 2010, u ghalhekk il-kumpens ser ikun relatat ukoll ma' dan il-valur.

**[35]** Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tikkunsidra l-ammont tal-kumpens ta' €40,000 bhala wiehed eccessiv fic-cirkostanzi, u minflok tiffissa kumpens ta' €10,000 dovut lill-appellati mill-appellant limitatament ghal-lezjoni konvenzjonali u kostituzzjonali subita minnhom.

[15] Supra

**[36]** Ghaldaqstant, dan l-aggravju huwa parzjalment fondat, u qed jigi milqugh fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

*It-Tielet Aggravju*

**[37]** Illi tenut kont ta’ dak deciz dwar l-ewwel u t-tieni aggravju, u li l-ordni tar-rilaxx ser tigi revokata, dan l-aggravju jinsab ezawrit u mhux il-kaz li din il-Qorti tiehu aktar konjizzjoni tieghu.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata, filwaqt li tordna li l-appellant ihallas lill-intimati s-somma ta’ ghaxart-elef ewro [€10,000] bhala danni morali ghal-lezjoni subita minnhom tad-dritt fundamentali tal-proprjeta`, bl-imghax legali ta’ 8% millum sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relatati mal-appell odjern ghandhom jinqasmu ugwalment bejn l-atturi appellati u l-Kummissarju appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------